



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

22 ta' Ġunju 2017*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Promozzjoni tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli — Bijokarburanti użati għat-trasport — Direttiva 2009/28/KE — Artikolu 18(1) — Sistema ta' 'bilanċ tal-massa' intiża li jiġi żgurat li l-bijogass jissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti — Validità — Artikoli 34 u 114 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi li l-bilanċ tal-massa jitwettaq f'post iddefinit b'mod ċar — Prassi tal-awtorità nazzjonali kompetenti li taċċetta li din il-kundizzjoni tista' tkun issodisfatta meta l-bijogass sostenibbli jiġi ttrasportat permezz tan-netwerk tal-gass nazzjonali — Ordni tal-imsemmija awtorità li teskludi li din l-istess kundizzjoni tista' tiġi ssodisfatta fil-każ ta' importazzjoni minn Stati Membri oħra ta' bijogass sostenibbli permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi — Moviment liberu tal-merkanzija”

Fil-Kawża C-549/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Förvaltningsrätten i Linköping (qorti amministrattiva bis-sede tagħha f'Linköping, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Ottubru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Ottubru 2015, fil-proċedura

E.ON Biofor Sverige AB

vs

Statens energimyndighet,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, A. Prechal (Relatur), A. Rosas, C. Toader u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal E.ON Biofor Sverige AB, minn A. Johansson, S. Perván Lindeborg u T. Pettersson, avukati,
- għall-iStatens energimyndighet, minn F. Forsberg, J. Holgersson u E. Jozsa, bħala aġenti, assistiti minn K. Forsbacka, avukat,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

- għall-Gvern Estonjan, minn K. Kraavi-Käerdi, bħala aġent,
- għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman u M. de Ree, bħala aġenti,
- għall-Parlament Ewropew, minn A. Neergaard u P. Schonard, bħala aġenti,
- għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn A. Norberg u J. Herrmann, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Talabér-Ritz u E. Manhaeve, bħala aġenti, assistiti minn M. Johansson, avukat,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017, tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-validità tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn E.ON Biofor Sverige AG (iktar 'il quddiem "E.ON Biofor") u l-iStatens energimyndighet (Aġenzija nazzjonali tal-enerġija, l-Isvezja, iktar 'il quddiem l-"Aġenzija tal-enerġija"), dwar ordni maħruġa minn din tal-aħħar fil-konfront ta' E.ON Biofor dwar is-sistema ta' verifika tas-sostenibbiltà tal-bijogass implementata minn din tal-aħħar.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 Il-premessi 1, 12, 65, 76 u 94 tad-Direttiva 2009/28 jiddikjaraw:
 - “(1) Il-kontroll tal-konsum tal-enerġija Ewropea kif ukoll iż-żieda fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, flimkien ma' ffrankar ta' enerġija u żieda fl-effiċjenza tal-enerġija, jikkostitwixxu partijiet importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra u jkun hemm konformità mal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u ma' aktar impenji tal-Komunità u internazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra wara l-2012. [...]
 - [...]
 - (12) L-użu ta' materjal agrikolu bħad-demel, id-demel likwidu u skart ieħor organiku u tal-annimali għall-produzzjoni tal-bijogass, minħabba l-potenzjal qawwi tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra, għandu vantaġġi ambjentali sinifikanti f'termini ta' produzzjoni ta' sħana u ta' enerġija kif ukoll l-użu tiegħu bħala bijokarburant. L-istallazzjonijiet tal-bijogass jistgħu, bħala riżultat tan-natura deċentralizzata tagħhom u l-istruttura ta' investiment reġjonali, jikkontribwixxu sew għal żvilupp sostenibbli f'żoni rurali u joffru lill-bdiewa opportunitajiet ġodda ta' dħul.

[...]

(65) Il-produzzjoni tal-bijokarburanti għandha tkun sostenibbli. Il-bijokarburanti użati għall-konformità mal-miri stabbiliti f'din id-Direttiva, u dawk li jibbenefikaw minn skemi ta' sostenn nazzjonali, għandhom għalhekk jiġu meħtieġa jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà.

[...]

(76) Il-kriterji ta' sostenibbiltà jkunu effettivi biss jekk iwasslu għal tibdiliet fl-imġiba tal-atturi fis-suq. Dawk it-tibdiliet iseħħu biss jekk il-bijokarburanti u bijolikwidi li jissodisfaw dawk il-kriterji jkunu jgwadu minn vantaġġ fil-prezz meta imqabbla ma' dawk li ma jissodisfawhomx. Skont il-metodu tal-bilanċ tal-massa tal-verifika tal-konformità, hemm rabta fiżika bejn il-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi li jilhqgħu l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-konsum ta' bijokarburanti u bijolikwidi fil-Komunità, li tipprovdi bilanċ xieraq bejn il-provvista u d-domanda u tassigura vantaġġ fil-prezz li huwa ikbar milli f'sistemi fejn m'hemmx din ir-rabta. Biex ikun żgurat li bijokarburanti u bijolikwidi li jilhqgħu l-kriterji ta' sostenibbiltà jistgħu jinbiegħu bi prezz ogħla, il-metodu tal-bilanċ tal-massa għandha għalhekk tintuża biex tkun ivverifikata l-konformità. Dan għandu jżomm l-integrità tas-sistema filwaqt li fl-istess ħin jevita l-impożizzjoni ta' piż mhux raġonevoli fuq l-industrija. Madankollu, jeħtieġ li jiġu vverifikati metodi oħra ta' verifika.

[...]

(94) Billi l-miżuri previsti fl-Artikoli 17 sa 19 għandhom effett ukoll fuq il-funzjonament tas-suq intern billi jarmonizzaw il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u bijolikwidi għall-iskopijiet tal-miri tal-kontabilità taħt din id-Direttiva, u għalhekk jiffaċilitaw, skont l-Artikolu 17(8), il-kummerċ bejn l-Istati Membri fil-bijokarburanti u bijolikwidi oħra li jikkonformaw ma' dawk il-kondizzjonijiet, dawn huma bbażati fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat.”

4 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/28, intitolat “Suġġett u kamp ta' applikazzjoni”, din id-direttiva “tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Hija tistabbilixxi miri nazzjonali mandatorji għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija u għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport. [...] Hija tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u bijolikwidi”.

5 Il-punti (a), (e) u (i) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jinkludu d-definizzjonijiet segwenti:

“(a) ‘enerġija minn sorsi rinnovabbli’ tfisser l-enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b'mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx, dik aerotermika, ġeotermika, idrotermika u oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-dranaġġ u bijogassijiet;

[...]

(e) ‘bijomassa’ tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura (inklużi sustanzi veġetali u mill-annimali), l-industriji forestali u industriji relatati inkluż is-sajd u l-akwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart industrijali u municiġjali;

[...]

(i) ‘bijokarburanti’ tfisser karburant likwidu jew gassuż għat-trasport prodott mill-bijomassa”

6 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/28 jipprovdi:

“1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli, ikkalkulat skont l-Artikoli 5 sa 11, fil-konsum finali gross ta’ enerġija fl-2020 jkun mill-inqas il-mira globali nazzjonali tiegħu għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f’dik is-sena, kif stabbilit fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I. [...]

[...]

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta’ trasport fl-2020 huwa mill-inqas 10 % tal-konsum finali ta’ enerġija fit-trasport f’dak l-Istat Membru.

[...]”

7 Intitolat “Kalkolu tas-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli”, l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Il-konsum finali gross ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli f’kull Stat Membru għandu jkun ikkalkulat bħala s-somma ta’:

- (a) konsum finali gross ta’ elettriku minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli;
- (b) konsum finali gross ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli għat-tiġin u t-tkessiġ; kif ukoll
- (c) konsum finali ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport.

Gass, elettriku u idroġenu minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli għandhom ikunu kkunsidrati darba biss fil-punt (a), (b) jew (c) tal-ewwel paragrafu, biex ikun ikkalkulat is-sehem tal-konsum finali gross ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli.

[...]il-bijokarburanti u bijolikwidi li ma jissodisfawx il-kriterji ta’ sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (6) m’għandhomx jiġu kkunsidrati.”

8 Intitolat “Kriterji ta’ sostenibbiltà għall-bijokarburanti u bijolikwidi”, l-Artikolu 17 tal-istess direttiva jipprovdi:

“1. Irrispettivament minn jekk il-materja prima kenitx ikkultivata ġewwa jew barra t-territorji tal-Komunità, l-enerġija mill-bijokarburanti u bijolikwidi għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) biss jekk tissodisfa l-kriterji ta’ sostenibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6:

- (a) il-kejl tal-konformità mar-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva fir-rigward tal-miri nazzjonali;
- (b) il-kejl tal-konformità mal-obbligi tal-enerġija rinnovabbli;
- (c) l-eliġibbiltà għal sostenn finanzjarju għall-konsum ta’ bijokarburanti u bijolikwidi.

[...]

2. L-iffrankar ta’ emissjonijiet ta’ gass b’effett serra mill-użu ta’ bijokarburanti u bijolikwidi kkunsidrat għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandu jkun ta’ mill-anqas 35 %.

[...]

3. Il-bijokarburanti u bijolikwidi kkunsidrati għall-finijiet msemija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 m'għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'valur għoli ta' bijodiversità [...]

4. [...] m'għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'ħażna għolja ta' karbonju [...]

5. [...] m'għandhomx isiru minn materia prima miksuba minn art li kienet art tal-peat f'Jannar 2008 [...]

6. Materja prima agrikola kkultivata fil-Komunità u użata għall-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi kkunsidrati għall-finijiet msemija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandhom jinkisbu skont ir-rekwiżiti u l-istandards taħt id-dispożizzjonijiet imsemija taħt l-intestatura "Ambjent" fil-Parti A u fil-punt 9 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa [ĠU 2009, L 30, p. 16], u skont ir-rekwiżiti minimi għal kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba definita skont l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament.

[...]

8. Għall-finijiet msemija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri m'għandhomx jirrifjutaw li jikkunsidraw, għal raġunijiet oħra ta' sostenibbiltà, bijokarburanti u bijolikwidi miksuba f'konformità ma' dan l-Artikolu.

[...]”

9. Intitolat “Verifika tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u bijolikwidi”, l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/28 jipprovdi:

“1. Fejn bijokarburanti u bijolikwidi għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 17(1), l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi juru li l-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5) ġew sodisfatti. Għal dak il-għan għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jużaw sistema ta' bilanċ tal-massa li:

- (a) tippermetti li kunsinni ta' materja prima jew bijokarburant b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà differenti jiġu mħallta;
- (b) teħtieġ li informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà u d-daqsijiet tal-kunsinni msemija fil-punt (a) tibqa' assenjata lit-taħlita; u
- (c) tipprovdi li s-somma tal-kunsinni kollha meħuda mit-taħlita tiġi deskritta bħala li għandha l-istess karatteristiċi ta' sostenibbiltà, fl-istess kwantitajiet, bħas-somma tal-kunsinni kollha miżjuda mat-taħlita.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2010 u l-2012 dwar it-tħaddim tal-metodu ta' verifika tal-bilanċ tal-massa deskritt fil-paragrafu 1 u dwar il-potenzjal li jkunu permessi metodi oħra ta' verifika fir-rigward ta' xi tipi ta' materja prima, bijokarburanti jew bijolikwidi. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis dawk il-metodi ta' verifika li fihom l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà m'hemmx għalfejn jibqgħu fiżikament assenjati għal konsenji jew taħlitiet partikolari. Il-valutazzjoni għandha tqis il-ħtieġa li jinżammu l-integrità u l-effikaċja tas-sistema ta' verifika filwaqt li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż mhux raġjonevoli fuq l-industrija. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi propositi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar permessi għal metodi oħra ta' verifika.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli u li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, fuq talba, id-data li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu arranġament għal standard adegwat ta' verifika indipendenti tal-informazzjoni ppreżentata, u li jipprovdu evidenza li dan sar. L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma preċiżi, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi. Dan għandu jevalwa l-frekwenza u l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni u l-affidabilità tad-data.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5), informazzjoni xierqa u rilevanti dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, ir-ristawr tal-art degradata, l-evitar ta' konsum eċċessiv ta' ilma f'żoni fejn l-ilma ikun skars kif ukoll informazzjoni xierqa u rilevanti dwar il-miżuri meħuda biex jitqiesu l-kwistjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7).

[...]

4. [...]

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li skemi nazzjonali jew internazzjonali volontarji li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' prodotti tal-bijomassa jkollhom data preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) jew juru li l-kunsinni ta' bijokarburant jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(3) sa (5). [...]

[...]

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet skont il-paragrafu 4 biss jekk [...] l-iskema kkonċernat[a] [tissodisfa] standards adegwati ta' affidabilità, trasparenza u verifika indipendenti. [...]

[...]

7. Meta operatur ekonomiku jipprovdi prova jew data miksuba skont [...] skema li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 4, sal-punt kopert minn dik id-deċiżjoni, Stat Membru m'għandux jeħtieġ li l-fornitur jipprovdi evidenza ulterjuri ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5), u lanqas informazzjoni dwar il-miżuri msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

[...]”

10 Intitolat “Sistema ta' bilanċ tal-massa”, il-punt 2.2.3 tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar skemi volontarji u valuri awtomatiċi fl-iskema ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils u l-bijolikwidi fl-UE (ĠU 2010, C 160, p. 1), jipprovdi, b'mod partikolari:

“[...]

Il-metodu li permezz tiegħu ssir konnessjoni bejn l-informazzjoni u t-talbiet li jikkonċernaw il-materja prima jew il-prodotti intermedjarji u t-talbiet dwar il-prodotti finali hu magħruf bħala l-katina ta' informazzjoni li permezz tagħha jiġi traċċat il-metodu. Il-katina ta' informazzjoni li permezz tagħha jiġi traċċat il-metodu normalment tinkludi l-fażijiet kollha tal-produzzjoni tal-materja prima għall-industrija sakemm dan il-fjuwil jinħareġ għall-konsum. Il-metodu stipulat fid-Direttiva għall-katina ta' informazzjoni li permezz tagħha jiġi traċċat huwa l-metodu ta' bilanċ tal-massa [...]

L-iskema volontarja għandha tirrikjedi verifika tas-sistema ta' bilanċ tal-massa li għandha titwettaq simultanjament mal-verifika tal-korretezza sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji tal-iskema [...]. Dan għandu jinkludi l-verifika ta' kwalunkwe evidenza jew sistemi użati bil-għan li jkunu konformi mar-rekwiżiti tas-sistema ta' bilanċ tal-massa.

Is-sistema ta' bilanċ tal-massa [...] hija sistema li fiha l-'karatteristiċi ta' sostenibbiltà' jibqgħu assenjati għal 'kunsinni'. [...]

[...]

Meta l-kunsinni li jkollhom karatteristiċi ta' sostenibbiltà differenti (jew li ma jkollhomx karatteristiċi ta' sostenibbiltà) ikunu mħalltin [...], id-daqsijiet separati [...] u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà ta' kull kunsinna jibqgħu assenjati mat-taħlita [...]. Jekk xi taħlita tiġi sseparata, kwalunke kunsinna li tittieħed minnha tista' tiġi assenjata kwalunkwe sett ta' karatteristiċi ta' sostenibbiltà [...] (akkumpanjati mad-daqsijiet) sakemm il-kombinazzjoni tal-kunsinni kollha li toħroġ mit-taħlita tkun tal-istess daqsijiet għal kull sett ta' karatteristiċi ta' sostenibbiltà li kienu jinsabu fit-taħlita. 'Taħlita' jista' jkollha kwalunkwe forma li fiha l-kunsinni normalment ikunu f'kontejner, fi proċess jew f'faċilità jew sit loġistiku jew ta' proċessar (definiti bħala lokazzjoni ġeografika bil-limiti preċiżi li fiha l-prodotti jistgħu jitħalltu).

[...]"

Id-dritt Svediż

Il-Liġi Nru 598

11 Il-lagen (2010:598) om hållbarhetskriterier för biodrivmedel och flytande biobränslen [Liġi (2010:598) dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u għall-bijolikwidi, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 598"] timplimenta ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/28.

12 L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 1 tal-Liġi Nru 598 jipprovdi:

"Hija biss l-enerġija prodotta minn bijokarburanti u minn bijolikwidi li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà previsti fl-Artikoli 1 sa 5 tal-Kapitolu 2 li tista' tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-konformità mar-rekwiżit dwar is-sehem tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali ta' enerġija previst fl-Artikolu 3(1), (2) u (4) tad-Direttiva 2009/28. [...]"

13 L-Artikolu 1 tal-Kapitolu 3 ta' din il-liġi jipprovdi:

"Il-persuna marbuta li tagħmel dikjarazzjoni hija l-persuna li:

(a) skont il-Kapitolu 4 tal-lagen (1994:1776) om skatt på energi [Liġi (1994:1776) dwar it-taxxa fuq l-enerġija] hija suġġetta għat-taxxa fuq il-karburant li jkun ikkostitwit, totalment jew parzjalment, minn bijokarburanti jew minn bijolikwidi,

[...]"

14 L-Artikolu 1a tal-Kapitolu 3 tal-Liġi Nru 598 jipprevedi:

"Il-persuna marbuta li tagħmel dikjarazzjoni għandha tiżgura, permezz ta' sistema ta' verifika, li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi li għandhom ikunu s-suġġett ta' dikjarazzjoni għandhom jitqiesu bħala sostenibbli.

Il-persuna marbuta li tagħmel dikjarazzjoni għandha tiżgura, permezz ta' ftehimiet, diretti jew indiretti, konklużi mal-operaturi kollha fil-katina ta' produzzjoni kollha u permezz ta' kampjuni meħuda mingħand dawn l-operaturi, li r-rekwiżit imsemmi fl-ewwel paragrafu huwa ssodisfatt.

Is-sistema ta' verifika implementata mill-persuna marbuta li tagħmel dikjarazzjoni għandha tiġi kkontrollata minn kontrollur indipendenti. Il-kontrollur għandu jivverifika jekk is-sistema ta' verifika hijiex preċiża, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi. Dan il-kontroll għandu jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-metodu ta' teħid ta' kampjuni li għandu jintuża fis-sistema ta' verifika kif ukoll tal-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni.

Barra minn hekk, il-kontroll għandu jinkludi evalwazzjoni tal-informazzjoni mogħtija mill-persuna marbuta li tagħmel dikjarazzjoni fir-rigward tas-sistema ta' verifika tagħha.

Il-kontrollur indipendenti għandu jagħti, permezz ta' attestazzjoni, opinjoni dwar is-sistema ta' verifika.

Il-gvern, jew l-awtorità maħtura minnu, jista' jieħu deċiżjonijiet supplimentari dwar is-sistema ta' verifika u l-kontroll li għalih tkun suġġetta din is-sistema.”

Ir-Regolament Nru 1088

- 15 L-Artikolu 14 tal-förordning (2011:1088) om hållbarhetskriterier för biodrivmedel och flytande biobränslen [Regolament (2011:1088) dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u għall-bijolikwidi, iktar 'il quddiem ir-“Regolament Nru 1088”] jipprovdi:

“Is-sistema ta' verifika msemmija fl-Artikolu 1a tal-[Kapitolu] 3 tal-Liġi [Nru 598] għandha tinkludi proċeduri maħsuba sabiex jiġi żgurat l-użu, matul id-diversi stadji tal-katina ta' produzzjoni, ta' sistema ta' bilanċ tal-massa li:

1. tippermetti li kunsinni ta' materji primi jew ta' bijokarburant li jkollhom karatteristiċi ta' sostenibbiltà differenti jiġu mħallta;
2. teħtieġ li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà u dwar il-volum tal-kunsinni msemmija fil-punt 1 jibqgħu assoċjati mat-taħlita; u
3. tipprevedi li s-somma tal-kunsinni kollha meħuda mit-taħlita tiġi deskritta bħala li għandha l-istess karatteristiċi ta' sostenibbiltà, fl-istess kwantitajiet, bħas-somma tal-kunsinna kollha miżjuda mat-taħlita.

[...]

L-Aġenzija nazzjonali tal-enerġija tista' tadotta dispożizzjonijiet supplimentari fir-rigward tas-sistema ta' verifika u l-kontroll li għalih tkun suġġetta din is-sistema.”

Id-dispożizzjonijiet tal-2011 tal-Aġenzija tal-enerġija

- 16 L-Artikoli 2 sa 4 tal-Kapitolu 3 tal-iStatens energimyndighets föreskrifter om hållbarhetskriterier för biodrivmedel och flytande biobränslen (dispożizzjonijiet tal-Aġenzija nazzjonali tal-enerġija dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u għall-bijolikwidi, iktar 'il quddiem id-“dispożizzjonijiet tal-2011 tal-Aġenzija tal-enerġija”) jipprevedi dan li ġej:

“Artikolu 2

Il-persuna marbuta li tagħmel dikjarazzjoni għandha tiżgura, permezz tas-sistema ta' verifika tagħha prevista fl-Artikolu 14 tar-Regolament [Nru 1088], li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi sostenibbli jkunu jistgħu jiġu ttraċċati mill-post fejn tkun tkabbret, inħolqot jew miġbura l-materja prima sal-konsum tal-karburant jew sal-mument li t-taxxa tkun dovuta taħt il-Kapitolu 5 tal-Liġi (1994:1776) dwar it-taxxa fuq l-enerġija.

Artikolu 3

Skont il-punt 3 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tar-Regolament [Nru 1088], il-bilanċ tal-massa għandu jitwettaq f'post iddefinit b'mod ċar u f'terminu aġġustat għall-katina ta' produzzjoni.

L-imħażen fiskali kollha, fis-sens tal-Liġi (1994:1776) dwar it-taxxa fuq l-enerġija, ta' persuna marbuta li tagħmel dikjarazzjoni jistgħu jikkostitwixxu post fis-sens tal-ewwel paragrafu.

Artikolu 4

Il-kunsinni li normalment jinsabu f'kuntatt fiżiku ma' xulxin jikkostitwixxu taħlita fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tar-Regolament [Nru 1088]. [...]

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 17 E.ON Biofor, kumpannija stabbilita fl-Isvezja, esponiet quddiem il-qorti tar-rinviju li hija tixtri mingħand kumpannija oħt, stabbilita fil-Ġermanja, kunsinni ta' bijogass sostenibbli prodott minn din tal-aħħar f'dan l-Istat Membru. E.ON Biofor imbagħad tittrasporta dawn il-kunsinni lejn l-Isvezja permezz tan-netwerk tal-gass Ġermaniż u ta' dak Daniż fejn dan il-bijogass jibqa', f'kull stadju tat-trasport, il-proprjetà ta' kumpanniji tal-grupp. Dawn il-kunsinni, li jiġu introdotti minn din il-kumpannija oħt fin-netwerk ta' distribuzzjoni ta' gass Ġermaniż f'punt iddefinit b'mod ċar, jinħarġu minn E.ON Biofor fil-punt tal-fruntiera bejn in-netwerk ta' distribuzzjoni Ġermaniż u n-netwerk ta' distribuzzjoni Daniż u jibqgħu, f'kull mument, akkumpanjati minn ċertifikat ta' sostenibbiltà REDCert DE maħruġ konformement mas-sistema nazzjonali Ġermaniża ta' verifika permezz tal-bilanċ tal-massa u mgħoddi direttament mill-imsemmija kumpannija oħt lil E.ON Biofor. B'hekk jiġu żgurati, fl-istess ħin, is-sostenibbiltà tal-kunsinni inkwistjoni u l-fatt li dawn il-kunsinni ma nbigħux x'imkien ieħor fil-Ġermanja peress li l-imsemmija ċertifikati jistgħu jiġu rtirati mis-sistema ta' ċertifikazzjoni darba waħda biss u peress li kull dħul u kull ħruġ min-netwerk tal-gass nazzjonali jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' operatur wieħed li jkun id-detentur ta' kuntratt ta' kunsinna jew ta' xiri fil-punt tal-fruntiera.
- 18 Fit-3 ta' Settembru 2013, l-Aġenzija tal-enerġija ordnat lil E.ON Biofor temenda s-sistema ta' verifika tagħha dwar is-sostenibbiltà tal-bijogass sabiex tiżgura li l-bilanċ tal-massa jitwettaq “f'post iddefinit b'mod ċar” kif jeżiġi l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 tal-Aġenzija tal-enerġija (iktar 'il quddiem id-“ordni kontenżjuża”). L-osservanza tal-imsemmija ordni twassal sabiex il-bijogass prodott fil-Ġermanja li E.ON Biofor timporta fl-Isvezja permezz tan-netwerk tal-gass Ġermaniż u ta'

dak Daniż ma jkunx jista' jiġi inkluż fl-imsemmija sistema ta' verifika minħabba li l-imsemmija networks ma jistgħux jikkostitwixxu tali post iddefinit b'mod ċar u, għaldaqstant, lanqas ma jista' jiġi kklassifikat bħala "sostenibbli" fis-sens tal-Liġi Nru 598 u tad-Direttiva 2009/28.

- 19 E.ON Biofor ippreżentat rikors quddiem il-Förvaltningsrätten i Linköping (qorti amministrattiva bis-sede tagħha f'Linköping, l-Isvezja) intiż għall-annullament tal-ordni kontenzjuża.
- 20 Filwaqt li targumenta li din l-ordni twassal sabiex iċċaħħadha minn tnaqqis kunsiderevoli fit-taxxi fuq id-dijossidu tal-karbonju u fuq l-enerġija li minnu jibbenefika l-bijogass sostenibbli taħt il-Liġi (1994:1776) dwar it-taxxa fuq l-enerġija, E.ON Biofor issostni li l-limitazzjoni tas-sistema ta' bilanċ tal-massa għal post iddefinit b'mod ċar u għall-fruntieri tal-Isvezja li tirriżulta mill-imsemmija ordni tikser kemm id-Direttiva 2009/28 u kemm l-Artikolu 34 TFUE.
- 21 Fir-rigward tal-Artikolu 34 TFUE, E.ON Biofor issostni, b'mod partikolari, li, fir-rigward tal-bijogass sostenibbli introdott direttament fin-netwerk tal-gass Svediż, l-Aġenzija tal-enerġija tirrikonoxxi li dan jista' jinbigħ bħala bijogass sostenibbli meta ma hemm ebda differenza, f'termini tat-traċċabbiltà tas-sostenibbiltà tal-bijogass, bejn tali sitwazzjoni u s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'tali mod li f'dan il-każ hemm ostakolu diskriminatorju għall-importazzjoni ta' bijogass sostenibbli minn Stati Membri oħra.
- 22 Min-naħa tagħha, l-Aġenzija tal-enerġija ssostni li s-sistema tal-bilanċ tal-massa teżiġi li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà jibqgħu fiżikament assoċjati mal-"kunsinni" meta dawn ikunu miżjuda ma' "taħlita" fis-sens tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, jiġifieri, skont il-punt 2.2.3 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 10 ta' din is-sentenza, kunċett iddefinit bħala li japplika "f[...] lokazzjoni ġeografika bil-limiti preċiżi".
- 23 Issa, filwaqt li huwa minnu li r-Renju tal-Isvezja rrikonoxxa, bħalma għamlu r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, iżda b'differenza minn Stati Membri oħra, li l-bilanċ tal-massa jista' jitwettaq f'netwerk tal-gass nazzjonali, bħala post iddefinit b'mod ċar, tali post ma jeżistix fil-każ tal-bijogass importat mill-Ġermanja minn E.ON Biofor u, għaldaqstant, lanqas ma hemm sistema ta' verifika tal-bilanċ tal-massa. Tali sistema teżiġi li jkun hemm, fir-rigward tal-post ikkonċernat, operatur li jivverifika li l-istess volum ta' bijokarburant sostenibbli jkun ġie introdott u sussegwentement maħruġ mill-imsemmi post u tali operatur Ewropew globali ma jeżistix fir-rigward tan-netwerk tal-gass Ewropew.
- 24 Peress li l-ordni kontenzjuża, għalhekk, hija konformi mal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, ma hemmx lok li tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 34 TFUE.
- 25 Huwa f'dan il-kuntest li l-Förvaltningsrätten i Linköping (qorti amministrattiva bis-sede tagħha f'Linköping) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:
 - "1) Il-kunċetti ta' 'bilanċ tal-massa' u ta' 'taħlita' li jinsabu fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati jawtorizzaw il-kummerċ ta' bijogass li jseħħ bejn l-Istati Membri permezz ta' netwerk ta' gass interkonness?
 - 2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, din id-dispożizzjoni [...] hija, f'dan il-każ, kompatibbli mal-Artikolu 34 TFUE, minkejja li l-applikazzjoni tagħha jista' jkollha l-effett li tirrestrinġi l-kummerċ?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 26 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li, kif jirriżulta kemm mill-kuntest fattwali tal-kawża prinċipali u kemm mill-formulazzjoni tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 li jikkonċerna l-verifika tal-osservanza tal-kriterji ta' sostenibbiltà elenkati fl-Artikolu 17(2) sa (5) tal-imsemmija direttiva, meta tirreferi, fid-domandi preliminari tagħha, għall-“bijogass”, il-qorti tar-rinviju qiegħda manifestament tirreferi biss għall-bijogass li jissodisfa l-imsemmija kriterji ta' sostenibbiltà u li jkun intiż sabiex jintuża bħala bijokarburant (iktar 'il quddiem il-“bijogass sostentibbli”).
- 27 B'hekk, l-ewwel domanda għandha tinftiehem fis-sens li qiegħda tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 għandux jiġi interpretat fis-sens li joħloq, għall-Istati Membri, obbligu li jawtorizzaw l-importazzjonijiet, permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi tagħhom, ta' bijogass sostenibbli.
- 28 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat qabel kollox li, kif jirriżulta mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28, moqri fid-dawl tal-premessi 65 sa 94 tagħha, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li bbaża ruħu b'mod partikolari fuq l-Artikolu 95 KE, li sar l-Artikolu 114 TFUE, kellu l-intenzjoni li jarmonizza l-kriterji ta' sostenibbiltà li kellhom obligatorjament jissodisfaw il-bijokarburanti sabiex l-enerġija prodotta minnhom tkun tista' tittieħed inkunsiderazzjoni, fi ħdan kull Stat Membru, għall-finijiet tat-tliet għanijiet identifikati rispettivament fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva. L-imsemmija għanijiet huma l-verifika ta' kemm l-Istati Membri jissodisfaw l-għanijiet nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/28, minn naħa, u l-obbligi tagħhom fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, min-naħa l-oħra, kif ukoll il-possibbiltà li tiġi aċċettata għajnuna finanzjarja nazzjonali għall-konsum ta' bijokarburanti.
- 29 Għandu jittfakkar li l-Artikolu 114(1) TFUE jipprevedi li l-Parlament u l-Kunsill għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li l-għan tagħhom ikun l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.
- 30 Bl-espressjoni “miżuri għall-approssimazzjoni”, li tinsab fl-imsemmija dispożizzjoni, l-awturi tat-Trattat FUE xtaqu jagħtu lil-leġiżlatur tal-Unjoni, skont il-kuntest ġenerali u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-qasam li għandu jiġi armonizzat, marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-iktar teknika ta' approssimazzjoni adegwata sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq, b'mod partikolari f'oqsma li huma kkaratterizzati minn karatteristiċi partikolari tekniċi kumplessi. Għaldaqstant, fl-eżerċizzju ta' dan il-marġni ta' diskrezzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jipproċedi billi jwettaq biss armonizzazzjoni fi stadji u billi jeżiġi biss eliminazzjoni gradwali tal-miżuri unilaterali meħuda mill-Istati Membri (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et*, C-547/14, EU:C:2016:325, punt 63 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 31 Għalhekk, skont iċ-ċirkustanzi, il-miżuri msemmija fl-Artikolu 114(1) TFUE jistgħu jinvolvu, b'mod partikolari, li l-Istati Membri kollha jiġu obbligati jawtorizzaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott jew tal-prodotti kkonċernati, li tali obbligu ta' awtorizzazzjoni jkun suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, kif ukoll li l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott jew ta' ċerti prodotti tkun ipprojbita, b'mod provviżorju jew b'mod definittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et*, C-547/14, EU:C:2016:325, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 F'dan il-każ, l-armonizzazzjoni magħmula permezz tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28 għandha natura speċifika ħafna sa fejn tikkonċerna biss il-bijokarburanti ddefiniti, fil-punt (i) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bħala kull karburant likwidu jew f'forma ta' gass użat għat-trasport u prodott mill-bijomassa, u sa fejn tispeċifika biss liema kriterji ta' sostenibbiltà għandhom ikunu ssodisfatti minn tali bijokarburanti sabiex l-enerġija prodotta minnhom tkun tista' tittieħed

inkunsiderazzjoni mill-Istati Membri għall-finijiet tat-tliet għanijiet partikolari msemmija fl-Artikolu 17(1) tal-imsemmija direttiva u mfakkra fil-punt 28 ta' din is-sentenza. F'kuntest iddefinit b'dan il-mod, l-imsemmija armonizzazzjoni hija, barra minn hekk, ta' natura eżawrjenti sa fejn l-Artikolu 17(8) tad-Direttiva 2009/28 jispeċifika, fil-fatt, li l-Istati Membri ma jistgħux, għall-finijiet ta' dawn l-istess tliet għanijiet, jirrifjutaw li jieħdu inkunsiderazzjoni, għal raġunijiet ta' sostenibbiltà oħra, il-bijokarburanti li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti f'dan l-artikolu.

- 33 B'hekk, l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28 huwa intiż, minn naħa, li jiżgura, sabiex jiġi żgurat il-livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent li għalih jirreferi l-Artikolu 95(3) KE, li sar l-Artikolu 114(3) TFUE, li l-bijokarburanti jkunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Istati Membri, għall-finijiet tat-tliet għanijiet ambjentali msemmija fl-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva, fil-każ biss li dawn il-bijokarburanti josservaw il-kriterji ta' sostenibbiltà imposti, f'dan il-każ, mil-leġiżlatur tal-Unjoni.
- 34 Dan l-istess Artikolu 17 huwa intiż, min-naħa l-oħra, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 94 tad-Direttiva 2009/28, li jiffaċilita l-kummerċ ta' bijokarburanti sostenibbli bejn l-Istati Membri. Tali ffaċilitar huwa marbut prinċipalment mal-fatt li, kif ġie enfasizzat fil-punt 32 ta' din is-sentenza, meta bijokarburanti, inklużi dawk li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra, jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28, l-Artikolu 17(8) ta' din id-direttiva jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jirrifjutaw it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-bijokarburanti sostenibbli, għall-finijiet tat-tliet għanijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva, "għal raġunijiet oħra ta' sostenibbiltà" għajr dawk stabbiliti f'dan l-artikolu.
- 35 Għalkemm l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28 jippermetti, sa dan il-punt, b'mod partikolari, li jiġi ffaċilitat il-kummerċ ta' bijogass sostenibbli, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, madankollu, ma jistax jiġi konkluż li dan l-artikolu huwa intiż li jirregola l-importazzjonijiet ta' bijokarburanti sostenibbli bejn Stati Membri u lanqas li, b'mod partikolari, jobbliga lill-Istati Membri jawtorizzaw mingħajr ebda kundizzjoni tali importazzjonijiet. Fil-fatt, kif għadu kemm intqal, l-għan tal-imsemmi artikolu huwa biss li jirregola, billi jarmonizzahom, il-kundizzjonijiet marbuta mas-sostenibbiltà li għandhom ikunu ssodisfatti mill-bijokarburanti sabiex dawn ikunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni minn Stat Membru għall-finijiet tat-tliet għanijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva. Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-Direttiva 2009/28 barra minn hekk ma fiha ebda dispożizzjoni li tistabbilixxi moviment liberu inkundizzjonat tal-bijogass sostenibbli bejn l-Istati Membri.
- 36 Fir-rigward tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, din tipprevedi biss li, meta l-bijokarburanti jkollhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tat-tliet għanijiet previsti fl-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jobbligaw lill-operaturi ekonomiċi juru li l-kriterji ta' sostenibbiltà previsti fl-Artikolu 17(1)(2) sa (5) ta' dan l-artikolu kienu ġew osservati.
- 37 Għal dan il-għan, l-Istati Membri huma b'mod partikolari meħtieġa, kif jirriżulta mit-tieni sentenza tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, li jeżiġu li l-imsemmija operaturi jużaw sistema msejja "tal-bilanċ tal-massa" li għandha tissodisfa ċerti karettistiċi ġenerali li huma speċifikati fil-punti (a) sa (c) ta' din id-dispożizzjoni. Skont dawn il-punti, tali sistema għandha, għalhekk, l-ewwel nett, tippermetti t-taħlita ta' kunsinni ta' materja prima jew ta' bijokarburanti li jkollhom karatteristiċi ta' sostenibbiltà differenti, it-tieni nett, teżiġi li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà u dwar il-volum tal-imsemmija kunsinni tibqa' assoċjata mat-taħlita u, it-tielet nett, tipprevedi li s-somma tal-kunsinni kollha meħuda mit-taħlita tiġi deskritta bħala li għandha l-istess karatteristiċi ta' sostenibbiltà, fl-istess kwantitajiet, bħas-somma tal-kunsinni kollha miżjuda mat-taħlita.
- 38 Issa, tali dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li toħloq, għall-Istati Membri, obbligu li jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' bijogass sostenibbli permezz tan-netwerks tal-gass interkonnessi tagħhom.

- 39 Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, li l-uniku għan tiegħu huwa li jstabbilixxi mekkaniżmi ta' verifika intiżi li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 17 ta' din id-direttiva, ma jistax, fid-dawl tar-rabta li għalhekk hemm bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, jiġi interpretat, bħalma lanqas ma jista' jiġi interpretat dan l-Artikolu 17, fis-sens li għandu l-għan li jobbliga b'mod inkundizzjonat lill-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' bijogass sostenibbli minn Stati Membri oħra.
- 40 Min-naħa l-oħra, u kif essenzjalment osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, fid-dawl tan-natura ġenerali tat-termini li bihom huma espressi l-kriterji elenkati fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, lanqas ma jista' jitqies li l-imsemmija dispożizzjoni wettqet armonizzazzjoni kompleta tal-metodu ta' verifika marbut mas-sistema tal-bilanċ tal-massa. Għall-kuntrarju, mill-imsemmija punti jirriżulta li l-Istati Membri jżommu marġni ta' diskrezzjoni u ta' manuvra meta jkun meħtieġa jiddeterminaw, b'mod iktar preċiż, il-kundizzjonijiet konkreti li għandhom ikunu ssodisfatti mis-sistemi ta' bilanċ tal-massa li għandhom ikunu implementati mill-operaturi ekonomiċi. Għaldaqstant, tali dispożizzjoni, ikkunsidrata bħala tali, lanqas ma hija ta' natura li twassal, awtomatikament, sabiex jiġi ggarantit moviment liberu tal-bijogass sostenibbli permezz tan-netwerk tal-gass transkonfinali ladarba l-imsemmi bijogass ikun ikkaratterizzat legalment bħala sostenibbli fl-Istat Membru ta' produzzjoni.
- 41 Mill-bqija, għandu jittfakkar ukoll li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 tal-konklużjonijiet tiegħu, is-sistemi ta' verifika tal-kriterji ta' sostenibbiltà imposti, jekk ikun il-każ, fuq l-operaturi ekonomiċi mill-Istati Membri konformement mal-Artikolu 18(1) u (3) tad-Direttiva 2009/28, jikkostitwixxu biss waħda mill-metodi li jippermettu li tiġi żgurata tali verifika skont din id-direttiva. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 18(4) u (5) tal-imsemmija direttiva, sistemi msejġha "volontarji" nazzjonali jew internazzjonali li jinkludu, huma wkoll, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet dwar is-sistema tal-bilanċ tal-massa, jistgħu jiġu approvati mill-Kummissjoni, filwaqt li l-Artikolu 18(7) tal-istess direttiva jipprevedi, f'dan ir-rigward, li, meta jkun hemm provi jew informazzjoni miksuba fil-kuntest ta' tali sistemi, l-Istati Membri ma għandhomx jeżiġu li l-fornitur jipprovdi provi oħra ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28.
- 42 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex intiż li joħloq, għall-Istati Membri, obbligu li jawtorizzaw l-importazzjonijiet, permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi tagħhom, ta' bijogass sostenibbli.

Fuq it-tieni domanda

- 43 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk, sa fejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 jista' jkollha l-effett li tillimita l-kummerċ tal-bijogass sostenibbli, l-imsemmija dispożizzjoni hijiex valida fid-dawl tal-Artikolu 34 TFUE.

Fuq il-validità tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28

- 44 Preliminarjament, għandu jittfakkar, minn naħa, li, meta jipprojbixxi bejn l-Istati Membri l-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni, l-Artikolu 34 TFUE jkopri kull miżura nazzjonali li tista' tostakola direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ intra-Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft, C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 45 L-imsemmija projbizzjoni ma tapplikax biss għall-miżuri nazzjonali iżda wkoll għall-miżuri li joriġinaw mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1984, *Rewe-Zentrale*, 37/83, EU:C:1984:89, punt 18; tal-14 ta' Diċembru 2004, *Swedish Match*, C-210/03, EU:C:2004:802, punt 59, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2005, *Alliance for Natural Health et*, C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 47).
- 46 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 34 TFUE, madankollu, ma jipprekludix projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet li jkunu ġġustifikati minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE jew minn rekwiżiti imperattivi, liema rekwiżiti jinkludu, b'mod partikolari, il-protezzjoni tal-ambjent. Fiż-żewġ każijiet, il-miżura kkonċernata għandha, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, tkun ta' natura adegwata sabiex tiżgura li jintlaħaq l-għan segwit u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dan l-għan jintlaħaq (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2005, *Alliance for Natural Health et*, C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punti 48 u 51, kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2014, *Ålands Vindkraft*, C-573/12, EU:C:2014:2037, punti 76 u 77).
- 47 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi enfasizzat li, kif diġà ġie osservat fil-punt 28 ta' din is-sentenza, l-Artikoli 17 sa 19 tad-Direttiva 2009/28 ġew adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 95 KE, li sar l-Artikolu 114 TFUE.
- 48 F'dan ir-rigward għandu jifhem li l-Artikolu 11 TFUE jipprevedi li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u fl-implementazzjoni tal-politiki u tal-azzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-għan li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli (ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/15 tas-16 ta' Mejju 2017, EU:C:2017:376, punt 146), u li l-Artikolu 114(3) TFUE jeżiġi b'mod espliċitu li għandu jiġi żgurati livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent fl-armonizzazzjoni mwettqa (ara, b'analoġija, fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, *Philip Morris Brands et*, C-547/14, EU:C:2016:325, punt 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 49 B'hekk, meta jkun hemm ostakoli għall-kummerċ jew meta jkun mistenni li tali ostakoli jimmaterjalizzaw fil-futur, minħabba l-fatt li l-Istati Membri jkunu hađu, jew ikunu qegħdin fil-proċess li jieħdu, fir-rigward ta' prodott jew ta' kategorija ta' prodotti, miżuri diverġenti ta' natura li jiżguraw livell ta' protezzjoni differenti, l-Artikolu 114 TFUE jawtorizza lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jintervjeni billi jadotta l-miżuri adegwati b'osservanza, minn naħa, tal-Artikolu 114(3) TFUE u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipji legali msemmija fit-Trattat FUE jew żviluppata permezz tal-ġurisprudenza, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, *Philip Morris Brands et*, C-547/14, EU:C:2016:325, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 50 Barra minn hekk, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti, għandu jifhem ukoll li meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħżel li jilleġiżla f'qasam li jimplika, min-naħa ta' dan il-leġiżlatur, għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, u li fih ikun meħtieġ iwettaq evalwazzjonijiet kumplessi, għandu jiġi rrikonossut li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa'. Hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'tali qasam, fil-konfront tal-għan li l-istituzzjonijiet kompetenti jkollhom l-intenzjoni li jsegwu, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura (ara, f'dan is-sens, fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2004, *Swedish Match*, C-210/03, EU:C:2004:802, punt 48, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2005, *Alliance for Natural Health et*, C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 52; ara wkoll, f'dan is-sens, fir-rigward tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 2005, *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, C-86/03, EU:C:2005:769, punti 87 u 88, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2016, *Associazione Italia Nostra Onlus*, C-444/15, EU:C:2016:978, punt 46).
- 51 Fir-rigward tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, għandu jiġi enfasizzat, fl-ewwel lok, li, kif sostnew il-Parlament u l-Kunsill, fid-dawl tan-natura ġenerali tat-termini li bihom huma fformulati l-punti (a) sa (c) ta' din id-dispożizzjoni, il-kriterji li għandhom jissodisfaw is-sistemi tal-bilanċ tal-massa li

għandhom jiġu introdotti mill-Istati Membri ma humiex *a priori* ta' natura li jeskludu li tali sistema tista' tiġi applikata fil-każ ta' trasport, f'network tal-gass nazzjonali jew f'networks nazzjonali interkonnessi, ta' kunsinni ta' bijogass sostenibbli.

- 52 Fil-fatt, ma jidher li hemm xejn li jipprekludi lil Stat Membri milli jobbliga lill-operaturi ekonomiċi jużaw sistema ta' verifika li tippermetti li "taħlita", fis-sens tal-Artikolu 18(1)(a) tad-Direttiva 2009/28, ta' diversi kunsinni ta' gass "b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà differenti" li wħud minnhom jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17 tal-imsemmija direttiva filwaqt li oħrajn ma jissodisfawhomx, tkun tista' titwettaq f'tali network nazzjonali jew f'tali networks nazzjonali interkonnessi.
- 53 Lanqas ma jidher li hemm xi ħaġa li għandha teskludi li, f'dan il-kuntest, ikun meħtieġ li l-imsemmija sistema tissodisfa kundizzjonijiet li jkunu adegwati sabiex jiġi żgurat li informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà u dwar il-volum tal-kunsinni inkwistjoni tibqa' assoċjata mal-imsemmija taħlita sakemm ikun għad hemm din it-taħlita, kif jipprevedi l-Artikolu 18(1)(b) tad-Direttiva 2009/28.
- 54 Fl-aħħar nett, lanqas ma jidher li huwa impossibbli għall-Istati Membri li jimponu, fuq dawn l-istess operaturi, li l-karatteristiċi tas-sistema ta' verifika inkwistjoni għandhom ikunu ta' natura li jiġi żgurat li s-somma tal-kunsinni meħuda, minn operatur, mit-taħlita magħmula minn qabel b'dan il-mod f'network tal-gass nazzjonali jew f'networks nazzjonali interkonnessi, li jiġu attribwiti l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28, ma taqbiżx, f'termini ta' volum, is-somma tal-kunsinni li jkollhom tali karatteristiċi u li kienu introdotti fi stadju preċedenti minn dan l-operatur fl-imsemmija taħlita.
- 55 F'dan ir-rigward, għandu barra minn hekk jiġi osservat li l-Aġenzija tal-enerġija rrikonossiet b'mod espliċitu, kemm quddiem il-qorti tar-rinviju u kemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li, skont il-leġiżlazzjoni Svediża, l-introduzzjoni, fin-network tal-gass nazzjonali Svediż, ta' kunsinni ta' bijogass li jissodisfaw il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28, u t-taħlita tagħhom, f'dan in-network, ma' gassijiet oħra, bl-ebda mod ma jipprekludu li tali kunsinni jiġu attribwiti mill-ġdid, meta jinħarġu mill-imsemmi network u f'volumi korrispondenti, l-imsemmija karatteristiċi ta' sostenibbiltà, b'mod partikolari għall-finijiet ta' wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) tal-istess direttiva, jiġifieri sabiex ikunu jistgħu jitqiesu għal għajnuna finanzjarja fir-rigward tal-konsum tagħhom.
- 56 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ma jistax jitqies li l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 joħloq, bħala tali, impossibbiltà, fil-każ ta' moviment ta' bijogass sostenibbli bejn l-Istati Membri, permezz tan-networks tal-gass nazzjonali interkonnessi, li n-natura sostenibbli ta' dan il-bijogass tkun irrikonossuta fl-Istat Membru ta' importazzjoni għall-finijiet tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva, u lanqas ma jista' jitqies, għaldaqstant, li l-imsemmi Artikolu 18(1) jostakola, għal din ir-raġuni, il-moviment liberu tal-merkanzija ggarantit fl-Artikolu 34 TFUE.
- 57 Fit-tieni lok, għandu jiġi indirizzat ukoll, kif titlob il-qorti tar-rinviju fid-domanda tagħha, il-fatt, kif jirriżulta mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, li, madankollu, l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 lanqas ma għandu l-effett li jobbliga lill-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' bijogass sostenibbli permezz tan-networks tal-gass interkonnessi tagħhom.
- 58 F'dan ir-rigward, madankollu, għandu jtifakkur li, kif diġà ġie osservat fil-punt 34 ta' din is-sentenza u kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 17(8) tad-Direttiva 2009/28 u mill-premessa 94 ta' din id-direttiva, l-Artikoli 17 sa 19 tagħha jiffaċilitaw il-kummerċ ta' bijogass sostenibbli bejn l-Istati Membri, minn naħa, billi jarmonizzaw il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà li għandu jissodisfa l-bijogass għall-finijiet tat-tliet għanijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) tal-imsemmija direttiva, u, min-naħa l-oħra,

billi jippermettu, permezz tar-regoli dwar il-verifika li jinsabu fl-Artikolu 18 tal-istess direttiva, li l-imsemmija karatteristiċi jibqgħu, għall-finijiet ta' dawn l-istess għanijiet, marbuta mal-bijogass, minkejja li dan jitħallat ma' gassijiet oħra.

- 59 B'hekk, is-sistema stabbilita f'dan is-sens permezz tal-Artikoli 17 sa 19 tad-Direttiva 2009/28 tiffavorixxi, għaldaqstant, il-moviment liberu tal-merkanzija iktar milli tillimitah (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1984, Rewe-Zentrale, 37/83, EU:C:1984:89, punt 19, u tat-12 ta' Lulju 2012, Association Kokopelli, C-59/11, EU:C:2012:447, punt 81).
- 60 Għalkemm l-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva 2009/28 ma għandhomx, għaldaqstant, l-għan li jiżguraw li l-bijogass sostenibbli jkun jista', b'mod inkundizzjonat, jiġi importat minn Stat Membru lejn ieħor filwaqt li jżomm il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tiegħu, dan il-fatt huwa l-konsegwenza inevitabbli tat-teknika ta' armonizzazzjoni, f'dan il-każ, magħżula mil-leġiżlatur tal-Unjoni li, kif tfakkar fil-punti 30 u 31 ta' din is-sentenza, għandu marġni ta' diskrezzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà li jwettaq biss armonizzazzjoni fi stadji u li jeżiġi biss eliminazzjoni gradwali tal-miżuri unilaterali meħuda mill-Istati Membri (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et*, C-547/14, EU:C:2016:325, punti 79 u 80).
- 61 Fit-tielet lok, u kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandu jiġi osservat li l-fatt stess li tiġi imposta l-implementazzjoni ta' sistema ta' bilanċ tal-massa, bħal dik prevista fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, fuq l-operaturi ekonomiċi ħerqana li jkunu jistgħu jinvolkaw in-natura sostenibbli tal-bijogass ikkummerċjalizzat minnhom, b'mod partikolari fi Stati Membri oħra li fihom l-imsemmi bijogass kien esportat, huwa, min-naħa tiegħu, ta' natura li jagħmel l-imsemmija esportazzjoni u kummerċjalizzazzjoni kemm iktar kumplessi u kemm iktar onerużi minħabba l-piżijiet amministrattivi u finanzjarji li toħloq tali sistema.
- 62 Madankollu, fir-rigward tal-għażla magħmula, b'dan il-mod, mil-leġiżlatur tal-Unjoni u li, b'mod iktar preċiż, tikkonsisti fl-għoti ta' preferenza lis-sistema ta' verifika tal-bilanċ tal-massa meta mqabbla maż-żewġ metodi l-oħra disponibbli *a priori*, jiġifieri, minn naħa, it-teknika magħrufa bħala "taż-żamma tal-identità" u, min-naħa l-oħra, dik magħrufa bħala "taċ-ċertifikati negozjabbli" jew "book and claim", għandu jiġi osservat dan li ġej.
- 63 L-ewwel nett, huwa paċifiku li l-metodu taż-żamma tal-identità, billi jeskludi kull possibbiltà li kunsinna ta' bijogass sostenibbli titħallat ma' kunsinna ta' gass li ma jkollhiex tali karatteristiċi ta' sostenibbiltà, ma kienx ser jikkontribwixxi bl-istess mod għall-kummerċ tal-bijogass sostenibbli bejn l-Istati Membri peress li tali metodu kien ser iwassal awtomatikament, b'mod partikolari, sabiex fil-prattika jiġi eskluż li bijogass sostenibbli jkun jista' jiġi introdott f'network tal-gass u, għaldaqstant, ittrasportat u esportat permezz ta' tali infrastruttura, filwaqt li jżomm il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tiegħu għall-finijiet tat-tliet għanijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2009/28.
- 64 It-tieni nett, fir-rigward tal-fatt li nġhatat preferenza lis-sistema tal-bilanċ tal-massa meta mqabbla mas-sistema taċ-ċertifikati negozjabbli li ma teħtieġx, min-naħa tagħha, li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tibqa' fiżikament assoċjata ma' kunsinni jew ma' kunsinni mħallta, minn naħa, mill-premessa 76 tad-Direttiva 2009/28 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni għamel tali għażla sabiex jiżgura li tinżamm tali relazzjoni fiżika bejn il-mument tal-produzzjoni tal-bijokarburant sostenibbli u dak tal-konsum tiegħu. Skont din il-premessa, tali relazzjoni fiżika kienet iffavorita minħabba li hija ta' natura li toħloq bilanċ bejn l-offerta u d-domanda u li tiżgura żieda fil-prezz tal-bijokarburant sostenibbli li tkun kbira biżżejjed sabiex twassal, fl-aġir tal-atturi tas-suq, għall-bidliet meħtieġa, u b'hekk tiżgura l-utilità stess tal-kriterji ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, fl-imsemmija premessa 76 tal-leġiżlatur tal-Unjoni enfażizza li l-applikazzjoni tal-metodu tal-bilanċ tal-massa għall-kontroll tal-konformità kellha żżomm l-integrità tas-sistema filwaqt li tevita li l-industrija tkun suġġetta għal restrizzjonijiet inutili.

- 65 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat li f'din l-istess premessa 76 il-leġiżlatur tal-Unjoni enfasizza wkoll li metodi ta' verifika oħra kellhom xorta waħda jkomplu jiġu studjati. L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2009/28 jipprevedi, għalhekk, li l-Kummissjoni għandha tagħmel rapport dwar il-funzjonament tal-metodu ta' verifika permezz tal-bilanċ tal-massa u dwar il-possibbiltajiet li jittieħdu inkunsiderazzjoni metodi ta' verifika oħra, b'mod partikolari dawk li fihom l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ma jkollhiex għalfejn tibqa' assoċjata fiżikament ma' kunsinni jew ma' taħlitiet partikolari, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-ħtieġa li titħares l-integrità u l-effikaċja tas-sistema ta' verifika mingħajr ma jiġi impost piż irraġonevoli fuq l-impreżi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien opportun li jinżamm il-metodu tal-bilanċ tal-massa [ara, b'mod partikolari il-Commission Staff Working Document: Report on the operation of the mass balance verification method for the biofuels and bioliquids sustainability scheme in accordance with Article 18(2) of Directive 2009/28/EC (SEC/2010/0129 final)].
- 66 Issa, ma hemm xejn li jippermetti li jitqies li, meta b'hekk iddeċieda li jiffavorixxi, fil-proċess li jintlaħaq l-għan stabbilit fl-Artikolu 114(3) TFUE li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u għall-finijiet tal-għanijiet imsemmija b'mod iktar speċifiku fil-premessa 76 tad-Direttiva 2009/28, l-implementazzjoni ta' sistema ta' verifika tal-kriterji ta' sostenibbiltà li tkun kemm integrali u kemm effikaċi u li tkun maħsuba sabiex tiġi żgurata l-eżistenza ta' relazzjoni fiżika bejn il-produzzjoni ta' bijokarburanti sostenibbli u l-konsum tagħhom fl-Unjoni, filwaqt li b'hekk jeżerċita influwenza iktar effikaċi fuq l-aġir tal-atturi tas-suq, il-leġiżlatur tal-Unjoni mar lil hinn mil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tiegħu, imfakkar fil-punt 50 ta' din is-sentenza, u lanqas li naqas milli josserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.
- 67 Fil-fatt, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 70 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-qasam speċifiku li fih l-imsemmi leġiżlatur kellu jilleġiżla f'dan il-każ jirrikjedi manifestament li dan il-leġiżlatur jagħmel għażliet ta' natura kemm politika, kemm xjentifika u kemm ekonomika u li jwettaq, b'hekk, evalwazzjonijiet, b'mod partikolari ta' natura teknika u ekonomika, partikolarment kumplessi.
- 68 Issa, f'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta', mingħajr ma jaqbeż il-limiti tal-imsemmi marġni ta' diskrezzjoni, iqis li, fid-dawl, minn naħa, tal-forma ta' traċċabbiltà stabbilita minnha u fid-dawl tal-kundizzjonijiet maħsuba sabiex tiġi żgurata l-effikaċja u l-integrità tagħha u li għalihom hija suġġetta skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/28, u, min-naħa l-oħra, tal-influwenza li hija b'hekk intiża li teżerċita fuq il-prezzijiet tal-bijokarburanti sostenibbli u fuq l-atturi tas-suq, filwaqt li jitnaqqsu r-riskji ta' frodi, is-sistema ta' verifika bl-użu tat-teknika tal-bilanċ tal-massa kienet tidher adegwata sabiex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent.
- 69 Bl-istess mod, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' raġonevolment iqis, f'dan ir-rigward, mingħajr ma jaqbeż il-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu, li tali sistema ta' verifika kienet meħtieġa u li, b'mod partikolari, ma kienx hemm miżura alternattiva li tippermetti li l-għanijiet leġittimi segwiti b'dan il-mod jintlaħqu f'dan il-każ b'mod daqstant effikaċi filwaqt li l-operaturi ekonomiċi jkunu suġġetti għal limitazzjonijiet ekonomiċi u amministrattivi minimi. B'mod partikolari, dan il-leġiżlatur seta', mingħajr ma wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, jelimina s-sistema taċ-ċertifikati negozjabbli billi qies li din is-sistema ma kinitx tiżgura, min-naħa tagħha, l-eżistenza ta' rabta fiżika bejn il-kunsinna ta' bijogass sostenibbli prodotta u l-kunsinna ta' gass sussegwentement ikkonsmata u li din is-sistema kienet toffri inqas garanziji f'termini ta' effikaċja u ta' integrità, b'mod partikolari fid-dawl tal-għan li jiġi żgurat li jkun biss il-bijogass sostenibbli li jissodisfa r-rekwiżiti stretti elenkati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28 li jkun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tat-tliet għanijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva.
- 70 Għall-istess raġunijiet, l-ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija osservat fil-punt 61 ta' din is-sentenza li għalhekk, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa ġġustifikat minn raġunijiet ta' protezzjoni tal-ambjent, ma jistax, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 46 ta' din l-istess sentenza, jitqies li jikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 TFUE (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2004, Swedish Match, C-210/03, EU:C:2004:802, punt 61).

71 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-eżami tat-tieni domanda ma żvela l-ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28.

Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE

72 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li qorti nazzjonali, minn aspekk formali, tkun ifformulat id-domanda preliminari tagħha billi tirreferi għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jwaqqafx lill-Qorti tal-Ġustizzja milli ttiprovdi lil dik il-qorti l-elementi ta' interpretazzjoni kollha li jistgħu jkunu utli sabiex taqta' l-kawża li l-qorti nazzjonali jkollha quddiemha, irrispettivament minn jekk dik il-qorti tkunx għamlet jew le riferiment għalihom fil-formulazzjoni tad-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tislet, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti tar-rinviju u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti ta' liġi tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2009, *ČEZ*, C-115/08, EU:C:2009:660, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 F'dan il-każ, għalkemm permezz tat-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju ma staqsietx formalment lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 mal-Artikolu 34 TFUE, għandha tiġi eżaminata wkoll, kif issuġġerixxew kemm il-Kunsill u kemm E.ON Biofor u kif irrakkomanda l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 34 TFUE għandux, jekk ikun il-każ, jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ordni bħall-ordni kontenzjuża.

74 Fil-fatt, kif intqal fil-punti 18 sa 20 ta' din is-sentenza, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, permezz tar-rikors tagħha fil-kawża prinċipali, E.ON Biofor qiegħda titlob l-annullament tal-ordni kontenzjuża, ordni li wasslet sabiex il-bijogass sostenibbli prodott fil-Ġermanja u intiż għat-trasport li E.ON Biofor timporta fl-Isvezja permezz tan-netwerk tal-gass Ġermaniż u ta' dak Daniż ma jistax jiġi inkluż fis-sistema ta' verifika dwar is-sostenibbiltà tal-bijogass u, għaldaqstant, la jista' jiġi kklassifikat bħala "sostenibbli" fis-sens tal-Liġi Nru 598 u tad-Direttiva 2009/28 u lanqas ma jibbenefika minn ċertu tnaqqis fir-rigward tat-taxxi fuq id-dijossidu tal-karbonju u fuq l-enerġija.

75 Issa, il-kundizzjoni li għalhekk teżiġi li l-bilanċ tal-massa jitwettaq "f'post iddefinit b'mod ċar" u li fuqha bbażat ruħha f'dan il-każ l-Aġenzija tal-enerġija ma tinstabx fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 iżda tirriżulta mid-dispożizzjonijiet interni Svediżi adottati bil-għan li tiġi ttrasposta l-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1088, li huwa intiż li jiżgura tali traspożizzjoni, jirriproduċi, minn naħa, it-tliet kriterji ġenerali stabbiliti fil-punti (a) sa (c) tal-imsemmi Artikolu 18(1) u jipprevedi, min-naħa l-oħra, li l-Aġenzija tal-enerġija tista' tadotta dispożizzjonijiet supplimentari fir-rigward tas-sistema ta' verifika u fir-rigward tal-kontroll li għalih hija suġġetta din is-sistema. L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 tal-Aġenzija tal-enerġija, li fih huwa speċifikat li l-bilanċ tal-massa għandu jitwettaq "f'post iddefinit b'mod ċar", kien adottat fuq il-bażi ta' din l-awtorizzazzjoni.

76 F'dan ir-rigward, huwa minnu li għandu jtifakkur li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta qasam kien is-suġġett ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fil-livell tal-Unjoni, kull miżura nazzjonali marbuta ma' dan il-qasam għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni u mhux fid-dawl ta' dawh tad-dritt primarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, *Ålands Vindkraft*, C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Madankollu, kif diġà ġie osservat fil-punt 38 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28 ma armonizzax b'mod eżawrjenti l-metodu ta' verifika marbut mas-sistema tal-bilanċ tal-massa b'tali mod li, bla ħsara għall-obbligu tagħhom li josservaw ir-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-punti (a) sa (c)

tal-Artikolu 18(1) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri jżommu marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli meta jiġu sabiex jiddeterminaw, b'mod iktar preċiż, il-kundizzjonijiet konkreti li fihom l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jkunu meħtieġa jużaw tali sistema.

- 78 Minn dan isegwi, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, meta jimplementaw l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, l-Istati Membri jibqgħu marbuta, b'mod partikolari, li josservaw l-Artikolu 34 TFUE.
- 79 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-eżistenza ta' ostakolu għall-kummerċ fis-sens tal-imsemmi Artikolu 34 TFUE, għandu jiġi kkonstatat li l-ordni kontenzjuż ta' tista' tostakola, minn tal-inqas indirettament u potenzjalment, l-importazzjonijiet tal-bijogass sostenibbli fl-Isvezja minn Stati Membri oħra, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 44 ta' din is-sentenza.
- 80 Fil-fatt, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 75, 76 u 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-imsemmija ordni għandha l-effett li tostakola t-twertiq ta' bilanċ tal-massa tal-bijogass sostenibbli importat permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi u, għaldaqstant, li teskludi li l-imsemmi bijogass ikun jista', ladarba jkun ġie importat b'dan il-mod fl-Isvezja, iżomm il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà proprji tiegħu sabiex ikun jista' jibbenefika minn sistema fiskali vantaġġjuża applikabbli, fl-imsemmi Stat Membru, għall-konsum ta' bijokarburanti sostenibbli.
- 81 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Aġenzija tal-enerġija affermat, kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u kemm matul is-seduta, li l-bijogass sostenibbli minn Stati Membri kien eliġibbli għall-imsemmi vantaġġ fiskali fl-Isvezja, b'mod partikolari meta jitwassal fl-imsemmi Stat Membru bl-użu ta' mezzi tat-trasport, pereżempju bit-triq, li ma jimplikawx li dan il-bijogass sostenibbli jitħallat ma' kunsinni oħra tal-gass. Minn dan isegwi, għalhekk, li s-sempliċi impossibbiltà li tirriżulta mill-ordni kontenzjuż u mill-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 tal-Aġenzija tal-enerġija li jitwettaq bilanċ tal-massa fil-każ ta' importazzjoni permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi tostakola, f'dan il-każ, li l-bijogass sostenibbli importat b'dan il-mod ikun eliġibbli sabiex jibbenefika mill-imsemmi vantaġġ fiskali.
- 82 Fir-rigward tal-possibbiltà li jintużaw għalhekk modi oħra ta' trasport, għandu jiġi osservat li huwa paċifiku li t-trasport permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi jikkostitwixxi, b'mod ġenerali u minħabba n-nefqa marbuta miegħu, l-uniku mod ta' trasport transkonfinali verament kompetittiv għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati.
- 83 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-fatt li l-Aġenzija tal-enerġija tiddikjara li hija lesta li tirrikonoxxi n-natura sostenibbli tal-bijogass li jkun importat fl-Isvezja permezz tan-netwerks tal-gass interkonnessi, sakemm tali importazzjoni titwettaq fil-kuntest ta' sistemi volontarji internazzjonali approvati mill-Kummissjoni konformement mal-Artikolu 18(4) tad-Direttiva 2009/28, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmija affermazzjoni tibqa' estremament vaga. Fil-fatt, l-Aġenzija tal-enerġija bl-ebda mod ma pprovat tistabilixxi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif is-sistemi approvati b'dan il-mod li għalihom tirreferi ser ikunu, b'mod konkret, ta' natura li jippermettu lil E.ON Biofor twettaq taħlitiet ta' bijogass sostenibbli ftali netwerks b'osservanza tar-rekwiżiti proprji għas-sistema tal-bilanċ tal-massa. Barra minn hekk, u kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 79 tal-konklużjonijiet tiegħu, E.ON Biofor sostniet, matul is-seduta, mingħajr ma kienet kontradetta fuq dan il-punt mill-Aġenzija tal-enerġija, li l-eventwali użu ta' tali sistema volontarja approvata kien ser jikkawżalha spejjeż supplimentari.
- 84 Peress li b'hekk ġie kkonfermat l-ostakolu għall-kummerċ, għandu jiġi vverifikat, fit-tieni lok, u konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 46 ta' din is-sentenza, jekk il-miżura nazzjonali li twassal għall-imsemmi ostakolu tistax xorta waħda tkun iġġustifikata minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE jew minn rekwiżiti imperattivi aċċettati, bħalma hija l-protezzjoni tal-ambjent, u jekk l-imsemmija miżura tissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità.

- 85 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar, l-ewwel nett, li l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-produzzjoni tal-bijogass, li fl-aħħar mill-aħħar il-promozzjoni tiegħu hija l-għan ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li jagħmel parti minnha l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 tal-Aġenzija tal-enerġija huwa, bħala prinċipju, utli għall-protezzjoni tal-ambjent. Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni hija intiża, b'estenzjoni tal-għanijiet segwiti f'dan ir-rigward mid-Direttiva 2009/28, u b'mod partikolari mill-Artikoli 17 u 18 tagħha, li tagħhom din il-leġiżlazzjoni hija intiża li tiżgura l-implementazzjoni konkreta, li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jinsabu fost il-kawżi prinċipali tal-bidliet klimatiċi li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ntrabtu li jiġġieldu (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft, C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 86 Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-kriterji ta' sostenibbiltà armonizzati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28 u li l-osservanza tagħhom miżura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija bħala prinċipju intiża li tiżgura, il-premessa 65 ta' din id-direttiva tenfasizza li l-imsemmija kriterji huma intiżi li jiżguraw li l-bijokarburanti użati sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti permezz tal-imsemmija direttiva jkunu verament sostenibbli.
- 87 Kif tenfasizza b'mod iktar ġenerali l-premessa 12 tad-Direttiva 2009/28, l-użu ta' materja prodotta mill-agrikoltura bħad-demel u d-demel likwidu kif ukoll skart ieħor li joriġina mill-annimali jew skart organiku ieħor sabiex jiġi prodott il-bijogass joffri, fid-dawl tal-potenzjal qawwi li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, vantaġġi ambjentali kunsiderevoli, kemm fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana u tal-elettriku u kemm fir-rigward tal-produzzjoni ta' bijokarburant.
- 88 F'dan ir-rigward, iż-żieda fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jikkostitwixxi, kif tiddikjara b'mod partikolari l-premessa 1 tad-Direttiva 2009/28, wieħed mill-elementi importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet u sabiex ikun hemm konformità mal-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-bidla tal-klima, kif ukoll mal-impenji l-oħra meħuda fil-livell tal-Unjoni u fil-livell internazzjonali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-sena 2012 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft, C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 89 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat, tali żieda tikkonċerna wkoll il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni u tal-annimali kif ukoll il-ħarsien tal-pjanti, li huma raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE (sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft, C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 90 It-tieni nett, għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati juru li l-eċċezzjoni għall-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija stabbilita minnhom hija meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ikkonċernati u li din l-eċċezzjoni hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. B'hekk, meta jinvokaw raġuni sabiex jiġġustifikaw restrizzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija, l-imsemmija awtoritajiet għandhom juru b'mod konkret l-eżistenza ta' raġuni ta' interess ġenerali kif ukoll il-proporzjonalità ta' din il-miżura fir-rigward tal-għan segwit (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2003, ATRAL, C-14/02, EU:C:2003:265, punti 67 sa 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 91 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Aġenzija tal-enerġija naqset milli tistabbilixxi, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li miżura bħall-ordni kontenzjuża, adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 ta' din l-aġenzija, tissodisfa l-imsemmija rekwiżiti.
- 92 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li l-imsemmi Artikolu 3 jispeċifika li l-bilanċ tal-massa għandu jitwettag "f'post iddefinit b'mod ċar" u li, meta adottat l-ordni kontenzjuża, l-Aġenzija tal-enerġija qieset li netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi bħal dawk li jorbtu lill-Ġermanja, lid-Danimarka u lill-Isvezja ma kinux jikkostitwixxu tali post iddefinit b'mod ċar.

- 93 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u kif ikkonfermat l-Aġenzija tal-enerġija quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-prassi interpretattiva ta' din l-aġenzija tikkonsisti, għall-kuntrarju, f'li jitqies li, meta l-bijogass sostenibbli jiġi introdott fin-netwerk tal-gass nazzjonali Svediż, tali fatt ma jipprekludix li l-bilanċ tal-massa jitwettaq fir-rigward ta' dan il-bijogass.
- 94 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-Aġenzija tal-enerġija ma rnexxilhiex tispjega, b'mod oġġettiv, kif seta' jitqies, minn naħa, li n-netwerk tal-gass nazzjonali Svediż li fih jiġu mħallta tipi differenti ta' bijogass kien jikkostitwixxi "post iddefinit b'mod ċar", fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 tal-Aġenzija tal-enerġija, u, min-naħa l-oħra, li, meta jkunu involuti netwerks tal-gass ta' Stati Membri oħra jew netwerks nazzjonali interkonnessi, tali netwerks nazzjonali kkunsidrati individwalment jew flimkien ma jkollhomx in-natura ta' tali "post iddefinit b'mod ċar".
- 95 Barra minn hekk, l-Aġenzija tal-enerġija sostniet ukoll, diversi drabi, kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u kemm waqt is-seduta, li, meta l-bijogass sostenibbli importat permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi jkun importat taħt sistemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 18(4) tad-Direttiva 2009/28, l-imsemmija aġenzija ma tqajjimx oġġezzjonijiet sabiex tirrikonoxxi n-natura sostenibbli tal-bijogass importat b'dan il-mod minn Stati Membri oħra, u b'hekk donnha qiegħda tammetti li l-fatt li l-bijogass sostenibbli jkun imħallat f'tali netwerks ma jipprekludix li jitwettaq bilanċ tal-massa fir-rigward tat-taħlita mwettqa b'dan il-mod.
- 96 Fir-rigward tal-ispejgazzjoni, imressqa wkoll mill-Aġenzija tal-enerġija, sabiex tiġġustifika l-adozzjoni tal-ordni kontenzjuża, dwar l-assenza ta' awtorità Ewropea li tista' teżerċita kontroll fuq iż-żona kkostitwita min-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li tali spejgazzjoni titbiegħed mill-bażi legali attribwita espliċitament mill-Aġenzija tal-enerġija lill-ordni kontenzjuża u bbażata fuq l-assenza ta' "post iddefinit b'mod ċar", fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 ta' din l-aġenzija.
- 97 It-tieni nett, u irrispettivament min-nuqqas ta' konsistenza li għadu kemm ġie osservat, tali spejgazzjoni lanqas ma hija ta' natura konvinċenti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 1a tal-Kapitolu 3 tal-Liġi Nru 598, huma l-operaturi ekonomiċi li jinvokaw in-natura sostenibbli tal-bijogass ikkummerċjalizzat minnhom li għandhom jiżguraw, b'mod partikolari permezz ta' ftehimiet diretti u indiretti, konklużi mal-operaturi kollha fil-katina ta' produzzjoni kollha, u permezz tal-implementazzjoni ta' sistema ta' verifika li min-naħa tagħha tkun ikkontrollata minn kontrollur indipendenti li r-rwol tiegħu jkun li jiżgura li l-imsemmija sistema ta' verifika hija preċiża, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi, li l-bijogass li fir-rigward tiegħu jitolbu vantaġġ fiskali effettivament jissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28.
- 98 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 89 u 90 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma jidhirx, u l-Aġenzija tal-enerġija bl-ebda mod ma stabbilixxiet, li huwa impossibbli għaliha li tiżgura ruħha mis-sostenibbiltà tal-bijogass importat minn Stati Membri oħra permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi billi tirrikjedi lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati jipproduċu l-elementi meħtieġa f'dan ir-rigward mid-dritt nazzjonali, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni, f'dan id-dawl, l-informazzjoni u d-dokumenti li eventwalment joħorġu mis-sistema tal-bilanċ tal-massa implementata fl-Istati Membri minn fejn toriġina l-kunsinna ta' bijogass sostenibbli kkonċernata u filwaqt li jiġi żgurat li l-imsemmija kunsinna, għall-finijiet tal-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2009/28, titqies li nħarġet darba biss mit-taħlita jew mit-taħlitiet, kif tirrikjedi s-sistema tal-bilanċ tal-massa stabbilita fl-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva.
- 99 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Aġenzija tal-enerġija ma stabbilixxietx li l-ordni kontenzjuża, adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 3 tad-dispożizzjonijiet tal-2011 ta' din l-aġenzija, hija neċessarja sabiex tiżgura ruħha min-natura sostenibbli tal-bijogass importat minn Stati

Membri oħra għall-finijiet tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2009/28, b'tali mod li tali miżura ma tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità u b'tali mod li, għalhekk, ma tistax tkun iġġustifikata.

100 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, il-qorti tar-rinviju għandha ssirilha l-osservazzjoni li l-Artikolu 34 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ordni, bħall-ordni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha awtorità nazzjonali jkollha l-intenzjoni teskludi li operatur ekonomiku jkun jista' jimplementa sistema tal-bilanċ tal-massa, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, fir-rigward tal-bijogass sostenibbli ttrasportat f'netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi, bis-saħħa ta' dispożizzjoni adottata minn din l-awtorità li tipprovdi li tali bilanċ tal-massa għandu jitwettaq "f'post iddefinit b'mod ċar", meta fl-istess waqt l-imsemmija awtorità taċċetta, fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, li sistema tal-bilanċ tal-massa tista' tiġi implementata fir-rigward ta' bijogass sostenibbli ttrasportat fin-netwerk tal-gass nazzjonali tal-Istat Membru ta' din l-istess awtorità.

Fuq l-ispejjeż

101 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **L-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex intiż li joħloq, għall-Istati Membri, obbligu li jawtorizzaw l-importazzjonijiet, permezz tan-netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi tagħhom, ta' bijogass li jissodisfa l-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17 ta' din id-direttiva u li jkun intiż li jintuża bħala bijokarburant.**
- 2) **L-eżami tat-tieni domanda ma żvela l-ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28.**
- 3) **L-Artikolu 34 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ordni, bħall-ordni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha awtorità nazzjonali jkollha l-intenzjoni teskludi li operatur ekonomiku jkun jista' jimplementa sistema tal-bilanċ tal-massa, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28, fir-rigward tal-bijogass sostenibbli ttrasportat f'netwerks tal-gass nazzjonali interkonnessi, bis-saħħa ta' dispożizzjoni adottata minn din l-awtorità li tipprovdi li tali bilanċ tal-massa għandu jitwettaq "f'post iddefinit b'mod ċar", meta fl-istess waqt l-imsemmija awtorità taċċetta, fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, li sistema tal-bilanċ tal-massa tista' tiġi implementata fir-rigward ta' bijogass sostenibbli ttrasportat fin-netwerk tal-gass nazzjonali tal-Istat Membru ta' din l-istess awtorità.**

Firem